# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Avviż Numru: 9/2018 SG**

**Anthony Attard u Karen Attard**

**vs**

**Goran Bogdanovic**

**Illum il-Ħamis, 11 ta' Frar 2021**

Il-Qorti,

Rat l-avviż ppreżentat fis-26 ta' Lulju 2018 li permezz tiegħu ġie mitlub li din il-Qorti tikkundanna lill-initmat iħallas lill-atturi s-somma ta' €15,000 jew kull somma oħra verjuri li tista' tiġi likwidata minn din il-Qorti sal-kompetenza massima tagħha rappreżentanti in parti rifużjoni ta' flejjes ġja mgħoddija lill-intimat għall-eżekuzzjoni ta' xogħolijeit fil-fond proprjeta' tar-rikorrenti u ċjoe l-maisonette mhux uffiċjalment immarkata bin-numru wieħed (1) li tifforma parti minn blokk mingħajr numru u mingħajr isem fi Triq Gajdoru, Xagħra Għawdex liema xogħolijiet ma sarux jew saru kontra s-sengħa u l-arti; in parti penali skond il-kuntratt ta' appalt ta' bejn il-kontendenti datat 2 ta' Ġunju 2017 u in parti danni u spejjeż inkluż dawk peritali, spejjeż żejda inkorsi biex ir-rikorrenti ingaġġjaw kuntrattur terz, u danni oħra għal liema somom inti responsabbli anke b'ammissjonijiet tiegħek stess. Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 110/2018 u bl-imgħaxijiet mid-data ta' l-istess ittra uffiċjali tal-21 ta' Frar 2018 sad-data tal-ħlas effettiv.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippreżentata fid-9 ta' Ottubru 2018 fejn eċċepixxa li:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva li tant kemm l-attur f'dina l-kawża ma għandhom ebda bażi la fil-liġi u laqqas fil-fatt, illi huma l-attur stess li lanqas biss qegħdin jaqblu mal-ammonti li qed jintalbu minnu minn żmien għal żmien;

2. Illi l-esponenti għamel diversi xogħolijiet fil-fond ta' l-atturi iżda kien impedit għal diversi drabi milli jkun jista' jaħdem u dana stante diversi problemi mhux imputabbli lilu bħalma huma n-nuqqas ta' provvista ta' dawl;

3. Illi fit-tielet lok jirriżulta ukoll li kienu l-atturi stess li unilaterlament waqqfu lill-esponneti milli jkomplu bix-xogħoliiet tiegħu u di fatti ma tawx aktar aċċess għall-istess fond u għalhekk ġabuh fl-impossibilita' fiżika li jkompli bix-xogħolijiet;

4. Illi fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent kien diga' għamel ħafna xogħolijiet – li uħud minnhom minħabba l-fatt li l-atturi biddlu t-tip ta' xogħol li huma xtaqu – kellhom ukoll isiru darbtejn u għalhekk jirriżulta ukoll li l-esponenti bl-ebda mod u manjiera ma huwa debitur tal-atturi fl-ammont mitlub.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Mill-affidavits ta' l-atturi jirriżulta li dawn kienu xtraw il-maisonette in kwistjoni fit-3 ta' Settembru 2016 bħala shell form. Spjegaw li nkarigaw lil intimat biex jagħmel ix-xogħolijiet li ġew indikati minnhom fuq il-post lill-istess intimat. Ġie ffirmat ftehim fit-2 ta' Ġunju 2017 u dakinhar tħallset is-somma ta' €5,453 lill-intimat. Spjega li l-intimat kien ġie fornut b' extension tad-dawl mingħand Charles Schembri li kellu penthouse f' dik il-blokka. F'Awwissu 2017 wasal iż-żmien li jsir it-tieni pagament lill-intimat. Spjega li l-intimat kien ġie mgħoddi ċwievet tal-post li baqgħu sal-lum għandu. Fit-12 ta' Awwissu 2017, l-atturi osservaw li s-soqfa interni kienu miksija iżda mhux miżbugħa u li l-isqfa esterni kien għad ma sarx xogħol fihom. It-tikħil li sar bil-gypsum kien ta' kwalita' disastruża. L-atturi qalu li urew lill-intimat dawn id-difetti u li x-xogħol ma kienx qed isir u li ma kinux lesti li jgħaddu t-tieni pagament.

L-atturi saħqu li l-intimat ammetta magħhom li kien għadu lura fix-xogħol u li x-xogħol ma kienx sar tajjeb iżda li kellu bżonn il-flus għall-materja prima biex ikompli bix-xogħol. L-atturi għalhekk għamlu it-tieni pagament fl-ammont ta' €5,453 lill-intimat. L-atturi spjegaw li fil-11 ta' Settembru 2017, l-intimat għarrafhom li kien għamel il-pedament tal-konkos, iżda mbagħad saru jafu li anqas il-pedamenti ma kien għamel kif suppost u miftiehem. L-atturi spjegaw li huma bdew jiġu injorati mill-intimat minkejja li ppruvaw jikkomunikaw miegħu diversi drabi u għalhekk kienu marru fejn l-avukat tagħhom li kellem lill-intimat u wissih li ma kienx qiegħed jonora l-ftehim u li fuq il-kuntratt kien hemm penali stabbilita' u li jekk ma jitterminax ix-xogħol fil-ħin ikun suġġett għal tali penali.

L-atturi spjegaw li l-intimat aċċetta li ssir laqgħa fuq il-post iżda meta bdew jikkomunikaw miegħu biex jiffissaw id-data, l-intimat baqa' jevita li jwieġeb. L-atturi xehdu li x-xogħolijiet pendenti kienu tlestija ta' kamra tal-pool area bit-taraġ u finishing tagħha; kisi u tibjid tal-ħitan kollha bil-gypsum u żebgħa; żebgħa tas-soqfa kollha, kisi tal-entratura ta' fuq il-bieb ta' barra u s-saqaf tat-terrazzin fil-pool area; twaħħil ta' 3 bathrooms; twaħħil ta' madum ta' ġewwa u ta' barra; pool area tiling u pool rendering; rendering tal-pool reservoir u taraġ u finishing tal-faċċata u ta' l-entratura ta' barra. L-atturi komplew jispjegaw li bħala soluzzjoni amikevoli huma kienu disposti li l-intimat jagħtihom lura €8000 u ma jmexxux bi proċeduri fil-Qorti. Spjegaw li l-intimat aċċetta din il-proposta iżda l-flus qatt ma waslu. Spjegaw li perit ex parte Perit Mario Formosa ta stima ta' dak li laħaq għamel l-intimat liema xogħol stmaħ fis-somma ta' €1734.40ċ. Għal dan ir-rapport l-atturi ħallsu €423.33ċ.

L-atturi spjegaw li ppreżentaw ittra uffiċċjali li ġiet risposta mill-intimat fis-sens li kienu huma li abbandunaw il-kuntratt ta' appalt u ma onorawx il-pagamenti meta dan ma kien minnu xejn. Komplew jgħidu li l-intimat kien wiegħed li x-xogħol jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2017. Għall-ewwel xahar ta' dewmien, kienet ser tiġi applikata penali ta' €25 u sussegwentement €75 kuljum sal-jum li jiġu kompletati x-xogħolijiet. Bħala penali għax-xahar ta' Jannar 2018 tapplika l-penali ta' €25 għal 31 jum biex b'hekk skont l-atturi t-total huwa dak ta' €775 mentri mill-1 ta' Frar 2018 sat-12 ta' Novembru 2018, għaddew 284-il ġurnata li multiplikat bir-rata ta' €75 kuljum iwasslu għal figura ta' €21,300. L-atturi iżda spjegaw li huma b' dawn il-proċeduri qed jitolbu l-massimu ta' €15,000.

L-atturi ressqu wkoll lil Perit Mario Formosa li kkonferma bil-ġurament tiegħu r-rapport li pprepara fuq inkarigu ta' l-istess atturi.

Mill-banda l-oħra, il-konvenut baqa' ma ressaq l-ebda provi.

**Ikkunsidrat:**

**Relazzjoni tal-perit tekniku**

F'din il-kawza, ġie maħtur bħala perit tekniku l-Perit Claude R. Mallia li ppreżenta r-rapport tiegħu kkonfermat bil-ġurament tiegħu fejn wasal biex ikallkola li l-kontijiet iddettaljati (bills of quantities) ta' xogħol li sar mill-intimat hekk kif muri f' Annex B jammontaw għal €3134.25ċ inkluż il-VAT mentri spejjeż addizzjonali sabiex ikun jista' jsir *sump* mill-atturi wara li nbena l-pedament jammontaw għal €424.21ċ inkluż il-VAT.

Dwar il-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit maħtur mill-Qorti, il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija konkordi dwar il-fatt li dawn jikkostitwixxu prova importanti għall-ġudikant biex ikun jista` jasal għad-deċiżjoni tiegħu.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fid-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "Calleja vs Mifsud", irriteniet illi :-

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero` huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr lassistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika."*

In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konkluzzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħa (dictum expertorum numquam transit in rem judicatam), fl-istess waqt dak ma jfissirx li "*qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunjiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikun privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.*" ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Għalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzzjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-kovinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" ("Cauchi vs Mercieca" – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u "Saliba vs Farrugia "– Qorti ta` l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Fid-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta` Marzu 2004 fil-kawża "Champalin Company Limited vs Debono et" ingħad hekk:-

*"... ghalkemm dictum expertorum numquam transit in rem judicatam, il-konkluzjonijiet ta` perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplice opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta` prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita` sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta` provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b`sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux. Ghalkemm il-Qorti m`hijiex marbuta li toqghod ghall-fehmiet ta` perit minnha mahtur kontra lkonvinzjoni taghha nnifisha, madanakollu, il-giudizio dell` arte ma jistax u m`ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b`mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli."*

Din il-Qorti tirrileva wkoll bhala fatt illi wara li kienet maħlufa r-relazzjoni peritali, ebda parti ma ressqet talba għall-ħatra ta` periti addizzjonali u lanqas saret eskussjoni tal-perit tekniku. Fis-sentenza tagħha tat-23 ta` Ġunju 1967 fil-kawża "Bugeja et vs Muscat et" il-Qorti tal-Appell rrilevat illi :-

*l-"giudizio dell` arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi lkonkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli."*

**Ikkunsidrat**

In suċċint din il-kawża tittratta kuntratt ta` appalt li ngħata mill-atturi lill-intimat u li fih ir-rikorrenti qed jitolbu illi minħabba l-inadempjenza tal-intimat u minħabba xogħol ħażin li sar, huma ġarrbu danni u għamlu spejjeż oħra biex ingaġġaw terzi persuni kif ukoll qed jinvokaw il-ħlas ta` penali patwita għal dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħol mill-intimat.

Il-kuntratt ta` appalt huwa regolat bl-Art 1633 sal-Art 1643 tal-Kap 16. In partikolari, il-Qorti tirreferi għall-Art 1633, l-Art 1637, l-Art 1640 u l-Art 1642 tal-Kap 16.

In-natura tal-kuntratt ta` appalt kienet trattata fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta` April 1968 fil-kawża "Busuttil vs Fedele et" fejn inter alia kienet ċitata s-sentenza ta` l-Qorti tal-Kummerċ li kienet ingħatat fid-9 ta` Marzu 1939 fil-kawża "Micallef vs Mamo et noe" (Vol.XXX.III.433).

Fis-sentenza "Busuttil vs Fedele et", il-Qorti qalet hekk –

*"... il-kuntratt ta` appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita` taghhom b`mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba linadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni."*

Din is-sentenza kienet segwita mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta` Ġunju 1994 fil-kawża "Bonnici noe vs Sammut".

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta` Ottubru 2004 fil-kawża "Darmanin vs Agius" ingħad hekk :-

*Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b`mod li `l quddiem juri difetti.*

*L`imprenditore ha l`obbligo di eseguire bene l`opera commessagli, secondo i dettami dell`arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol.XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (Kollez Vol XL pI p485).*

*It-tieni principju jghid illi "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883).*

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta` April 2004 fil-kawża "Francica et vs Buhagiar et" ingħad hekk :–

*"Hu principju ben saldat f` materja ta` appalti li l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabilita` u din tibqa` tissussisti allavolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Aktar u aktar meta d-difetti ma jkunux immedjatament apparenti u ma jistghux jigu skoperti fil-mument talapprovazzjoni.*

*L-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b` mod li `l quddiem juri difetti. F` kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu ` quddiem" izda galdarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol dejjem jibqa` obbligat u repsonsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti u spondet peritiam artis u hu obbligat jirrezisti kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent; u ghalhekk mhux legalment validu l-argument li x-xoghol ma sarx sewwa ghax hu ghamlu kif riedu l-kommittent."*

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta` Frar 2004 fil-kawża "Camilleri et vs Farrugia noe" ingħad hekk :–

*L-appaltatur ma humiex mehlus mir-responsabilita` avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghall-finijiet tal-hlas, izda b`daqshekk ma jigix ezonorat mirresponsabilita` jekk nonostante kontroll diligenti fil-mument tal-verifika, `l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew. Jekk id-difetti jkunu ta` certa gravita` l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-`exception non rite adempleti contractus` ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas; jekk min-naha l-ohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, lappaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew jaccetta riduzzjoni.*

Fis-sentenza tas-27 ta` Ġunju 2003 fil-kawża "Brownrigg noe vs Spiteri" kien rilevat illi:–

*"Min jintraprendi xoghlijiet ghandu jassikura l-ewwel nett l-adempjenza tal-ftehim pattwit u fuq kollox li jippresta opra soddisfacenti.*

*Dan fis-sens li ghandu b`obbligu jara li x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b`mod li `l quddiem juri difetti.*

*Skond ir-regoli generali ta` l-inadempiment l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabilita` avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Il-verifika u l-approvazzjoni generalment isiru ghal finijiet tal-hlas izda b`daqshekk ma jigix ezonerat mir-responsabilita` jekk nonostante kontroll diligenti fil-mument tal-verifika `l quddiem jinstab li x-xoghol ma sarx sew.*

*Rigward il-mod tal-hlas kompetenti lill-appaltatur jidher li fid-dottrina saret distinzjoni skond il-mod kif ikun gie lilu kommissjonat ix-xoghol. Jekk il-prezz gie iffissat ghal kull unita`, l-appaltatur ikollu dritt jithallas taxxoghol maghmul; jekk il-prezz ikun wiehed ghax-xoghol kollu, allura jekk*

*ixxoghol ma jkunx kompletat u sewwa l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas. Dan jiddependi min-natura tad-difett riskontrat. Jekk id-difetti ikunu ta` certa gravita` l-kommittent ikollu d-dritt jopponi l-"exceptio non rite adempleti contractus" ghad-domanda li ssirlu ghal hlas. Jekk min-naha lohra d-difetti ma jkunux sostanzjali jew essenzjali, l-appaltatur ikollu d-dritt li jitlob li dawk id-difetti jigu riparati jew jaccetta riduzzjoni.*"

Mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi l-intimat kien tardiv fit-twettieq tal-inkarigu tiegħu tant li x-xogħolijiet baqgħu ma sarux minnu, anke waqt is-smigħ ta' din il-kawża. Jirriżulta wkoll li l-atturi bdew mill-ewwel jisħqu ma' l-intimat dwar il-kwalita' tax-xogħol li kien qed jagħmel, dwar il-fatt li ma kienx qed jagħmel ix-xogħolijiet hekk kif kienet miftiehem u dwar il-fatt li ma kienx qed jagħmel ix-xogħolijiet entro t-termini miftehma bejniethom.

**Xogħol li sar mill-intimat u l-ħlasijiet li ġia saru mir-rikorrenti lill-intimat**

Il-Qorti tagħmel f'dan l-istadju referenza għal dak li l-liġi tippreskrivi fis-sens li min jagħti appalt lil ħaddieħor jista' jħoll il-ftehim ukoll jekk ix-xogħol ikun inbeda [art. 1641 (1) tal-Kap 16]. Minbarra dan, jekk il-kuntratt jinħall għal raġuni tajba, min jagħti x-xogħol huwa obbligat iħallas lill-appaltatur biss il-prezz tal-materja li jkun intuża fix-xogħol li jkun laħaq ġie konsenjat lil, u miżmum minn, min jagħti x-xogħol [art. 1640 (3)], liema prezz jitħallas minn xi ħlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil-quddiem lill-appaltatur. Dan għandu, min-naħa tiegħu, jrodd lura lil min qabbdu jagħmel ix-xogħol dik il-parti mis-somma mħallsa bil-quddiem li tkun tisboq il-prezz u l-materjal użat u mogħti lill-appaltant [art. 1640 (4)].

Il-liġi tipprovdi wkoll li hekk kif, min jagħti x-xogħol, jgħarraf lill-appaltatur li jrid itemm il-ftehim, dak l-avviż iservi biex iħoll minnufih il-kuntratt, mingħajr il-ħtieġa tal-ebda awtorizzazzjoni jew konferma minn xi qorti [art. 1640 (5)].

Il-provi, f'dan il-każ, juru li l-konvenut kien laħaq wettaq biss ftit xogħolijiet mill-appalt sa dakinhar li l-atturi interpellawh bl-ittra uffiċċjali tal-21 ta' Frar 2018 bin-numru 110/2018 li kienu temmew l-appalt. Din l-ittra uffiċċjali saret referenza għaliha fl-avviż promotur iżda kopja tagħha ma ġietx eżebita. Madanakollu, kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza deċiża fid-19 ta' Mejju 2004 fil-kawża fl-ismijiet Camiller Edwige armla minn Roger vs Debattista Gaetano noe et, ma jidhirx li għandu għalfejn ikun wisq kontrovers illi kwalunkwe skritturi jew atti ġjaċenti fir-Reġistru jew fl-Arkivju tal-Qorti u li għalihom ikun irrefera xi wieħed mill-kontestanti jistgħu b'sempliċi riferiment iservu biex jistruwixxu kawża oħra. Li jfisser allura li m'hemmx il-ħtieġa assoluta tal-esebizzjoni formali tagħhom jew tal-allegazzjoni tal-proċeduri fl-istanza li tkun qed tiġi dibattuta u trattata. Intqal f' dik id-deċiżjoni li jkun formalizmu esaġerat jew spropożitu

żejjed li jiġi ritenut li t-tribunal ma għandux, anke b'sempliċi riferenza, li del resto ma tirrikjedi l-ebda forma, jeżamina atti ta' proċedimenti oħra, meta l-fatti jkunu ta' siwi għal każ eżaminat. Il-provi li jkunu saru f'kawża ċivili, u li jkunu ddimostraw l-eżistenza ta' fattijiet determinanti, huma attendibbli u jistgħu jiġu nvokati f'ġudizzju ieħor sussegwenti bejn l-istess partijiet fejn titwieled disputa dwar l-istess fattijiet, mingħajr ma jkun hemm bżonn li f'dak il-ġudizzju sussegwenti jirrepetu ruħhom dawk il-provi; purke pero` dawk il-provi jkunu saru u nġabu fil-kontradittorju ta' l-istess partijiet u bl-osservanza tal-forma li trid il-liġi.

Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-intimat għandu jrodd lura l-ammont imħallas lilu mill-atturi wara li jitnaqqas il-valur tax-xogħol li laħaq irrenda qabel ma' ġie tterminat dan l-appalt mill-atturi.

Din il-Qorti tqis li sejra toqgħod fuq dak li ġie konkluż mill-perit tekniku maħtur minnha fis-sens li kkallkola li l-kontijiet iddettaljati (bills of quantities) ta' xogħol li sar mill-intimat hekk kif muri f' Annex B jammontaw għal €3134.25ċ inkluż il-VAT mentri spejjeż addizzjonali sabiex ikun jista' jsir sump mill-atturi wara li nbena l-pedament jammontaw għal €424.21ċ inkluż il-VAT. Għaldaqstant, l-intimat kellu semmai jirċievi mingħand l-atturi wara li jitnaqqsu l-ispejjeż addizzjonali kkalkolati mill-perit tekniku, s-somma ta' €2,710.04ċ. Irriżulta li l-intimat tħallas ġia' mir-rikorrenti s-somma ta' €10,906. Għalhekk, l-intimat għandu jħallas lura l-eċċess li ġie mħallas mir-rikorrenti u ċioe' l-ammont ta' **€8,195.96ċ**. Dan huwa l-ammont rappreżentanti rifużjoni tal-flejjes li ġia ġew mgħoddija lill-intimat mill-atturi għall-eżekuzzjoni ta' xogħolijiet fil-fond tagħhom fix-Xagħra Għawdex wara li ġie mnaqqas il-valur tax-xogħolijiet li ġew eżegwiti mill-intimat.

Dan premess, il-Qorti tmur għall-kwistjoni tal-penali.

**Dewmien fix-xogħol u penali**

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta` Frar 2016 fil-kawża "2R`s Limited (C-61760) vs Issa Isslam Tawfik" ingħad hekk :-

*Dwar il-penali mitluba l-Qorti ta` l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Emmanuel Borg vs The Two Divers Company Limited deciza fis-27 ta` Frar, 2008, qalet:*

*"M`hemmx dubbju illi klawsola penali f`kuntratt ghandha funzjoni essenzjalment rizarcitorja intiza biex tiffissa b`mod preventiv, u anke b` mod vinkolanti, l-ammont tad-dannu f` kaz ta` dewmien jew ta` inadempiment. F` dan is-sens jinsab ritenut illi l-klawsola penali "è una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazione principale e rappresenta la valutazione convenzionale*

*dei danni sofferti dal creditore per l` inadempimento o per la mora. Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accessoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazzione convenzionale" ("Goffredo Chretien noe et -vs- John Ciancio", Appell Kummercjali, 13 ta` April, 1921)."*

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża "Adams Investments Company Ltd vs Fra Fen Construction Limited" ingħad hekk :-

*Di piu gie ritenut ukoll li meta jkun hemm ksur ta` kuntratt, l-obbligat ikun responsabbli ghad-danni. Dawn id-danni jistghu jkunu jew konvenzjonali jew gudizzjali. Ta` l-ewwel huma danni pre-likwidati, fejn ilkontraenti jiftiehmu minn qabel li, f`kaz ta` ksur tal-kuntratt, id-danni rizarcibbli jkunu tant, kwantifikati minn qabel. F`dan il-kaz, dawk id-danni jkunu dovuti minghajr htiega li ssir il-prova li dawk id-danni gew fil-fatt sofferti. Meta l-ftehim jistabbilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tieghu ghandha thallas somma determinata bhala danni, ma tistax tigi moghtija lillparti l-ohra somma akbar jew izghar. Gie dejjem ritenut li l-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni soggettiva taghha ghar-rieda tal-partijiet li diga` stabbilew bejniethom ilquantum tad-danni li l-attur isofra minhabba l-inadempjenza tal-parti l-ohra fl-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni Assunta minnha. Meta l-partijiet jiftiehmu minn qabel l-ammont ta` danni, ma tistax ikun hemm temperament fil-quantum, liberament miftiehma u assunta."*

Fil-kawza "Dr Malcolm Pace vs Karl Azzopardi pro et noe" deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kien applikat l-insenjament li meta n-nuqqas ikun de minimis, ma jkunx jistħoqq l-applikazzjoni tal-klawsola tal-penali. Hemm ingħad:

*"Il-Qorti ma tqis li b`daqshekk il-konvenut ma onorax l-obbligi ta` ripristinu fl-istat strutturali originali u n-nuqqas ta` irfinar hu wiehed de minimis u ma jisthoqqlux is-sanzjonar talklawsola miftehma u penali dovuta fin-nuqqas ta` ripristinar."*

Fl-istess kawża, dwar talba għal danni prelikwidati minħabba nuqqas ta` ottemperanza mal-kundizzjonijiet tal-ftehim, intqal hekk:

*… din il-Qorti tqis illi l-applikazzjoni tal-klawsola ta` penali flammont imsemmi fil-klawsola sad-data tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni senjatament f`dan il-kaz il-hlas tal-management fee tmur kontra l-principju `in omnibus quidem, tamen maxima in jure, aequitas spectandi sit` applikat b`success fil-kawza precitata Pace vs Micallef (App Civ 15/12/2004) u ricentement fl-Appell Civili Bergedahl nomine vs Francis Formosa (30/09/2011).*

*Din il-klawsola ta` penali tinsorgi mid-dispost tal-artikolu 1120 tal-Kap. 16 li jghid hekk: (1) Il-penali hija l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali. (2) Ilkreditur jista` jaġixxi ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali*

*minflok ma jitlob il-penali li fiha jkun waqa` d-debitur. (3) Hu ma jistax jitlob il-ħaġa prinċipali u l-penali flimkien, ħlief meta l-penali tkun ġiet miftiehma għaddewmien biss.*

*Pero tali dispost għandu jinqara flimkien mal-artikolu 993 tal-Kap. 16 fejn il-kuntratti għandhom jigu eżegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom iżda ukoll għal konsegwenzi kollha li ggib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwita, bl-użu jew bil-ligi. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Pace vs Micallef (15/12/2004):*

*Din il-Qorti tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta` ekwita` kif ukoll ta` sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta konfrontat b`agir specifiku doluz biex jagħmel il-ħsara, izda wkoll b`dak ilkomportament li jkun għal kollox spoporzjonat u li ma jkunx accettabbli skond in-normi stabbiliti tas-socjeta` u tal-logika guridika.*

*Ovvjament kull kaz hu differenti u c-cirkostanzi jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni skond in-natura tal-kaz. Il-Qorti tqis illi hemm spoporzjon kbir bejn l-ammont ta`penali u l-management fee pattwita. In oltre l-Qorti hi ferm riluttanti li taccetta ottemperanza ma tali impozizzjoni ta`penali meta l-attur dam disa` snin biex ressaq talba għal non osservanza tal-ħlasijiet dovuti meta bħala kreditur hu fid-dover li jimminimizza d-danni. Fil-fehma tal-Qorti jekk dato non concesso l-penali kienet applikabbli, il-penali imposta hi wisq eccessiva u l-pretensjoni tagħha mill-attur tirrasenta l-arrikiment indebitu.*

Ta` l-istess portata kienu d-deċiżjonijiet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta` Ottubru 2013 fil-kawża "A.M. Developments Limited et vs Pauline Micallef" u (PA/JRM) tat-8 ta` Marzu 2005 fil-kawża "Mary Rose Falzon Manduca vs Mario Grima", kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2004 fil-kawża "Michael Pace v. Richard Micallef pro et noe".

Il-penali kkalkolata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ħadet in konsiderazzjoni d-data li fiha l-Perit tekniku maħtur mill-Qorti żamm l-aċċess fuq is-sit in kwistjoni u ċioe' t-12 ta' Diċembru 2018 u kkalkolaw il-penali għax-xahar sħiħ ta' Jannar 2018 - €25 x 31 jum = €775 u mill-1 ta' Frar 2018 sat-12 ta' Diċembru 2018 = €75 x 315 jum = €23,625 biex b' hekk it-total ikun dak ta' €24,400. Għalhekk l'ammont li saħansitra jeżorbita l-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Issa mill-provi miġbura minn imkien ma tirriżulta li l-atturi kellhom xi responsabilita' għal dan id-dewmien. Għal kuntrarju irriżulta li l-atturi ripetutament pruvaw jagħmlu kuntratt mal-konvenut sabiex jeżegwixxi x-xogħolijiet li assuma. Mit-text messages eżebiti jirriżulta li l-attur Anthony Attard ripetutament prova jagħmel kuntatt mal-konvenut sabiex ix-xogħolijiet isiru, iżda l-konvenut kien jew igib xi skuza jew jevita li jikkomunika mar-rikorrenti.

Minkejja l-eċċezzjonijiet li ressaq, l-intimat baqa' qatt ma ressaq provi u għalhekk l-eċċezzjonijiet imressqa minnu bl-ebda mod ma ġew ippruvati.

Madanakollu, din il-Qorti tqis li permezz ta' l-ittra uffiċċjali bin-numru 110/2018, l-atturi kienu għamlu referenza għal kuntratt ta' appalt datat 2 ta' Ġunju 2017 u tterminawh b' effett immedjat l-istess appalt u dan minħabba raġunijiet unikament imputabbli lill-intimat. Din l-ittra li ġġib id-data tal-21 ta' Frar 2018 ġiet notifika lill-intimat fl-1 ta' Marzu 2018. Għalhekk, l-atturi ma jistgħux jinsistu li l-penali ai termini tal-kuntratt tat-2 ta' Ġunju 2017 baqgħet għaddejja u għandha tiġi applikata anke wara d-data li fiha din l-ittra uffiċċjali ġiet notifikata lill-intimat. Il-penali għandha tiġi kkalkolata mid-data li l-intimat kellu jlesti x-xogħoliiet sal-jum meta l-appalt ġie mitmum. Għalhekk, il-penali għandha tiġi kkalkolata għax-xahar sħiħ ta' Jannar 2018 - €25 x 31 jum = €775 u mill-1 ta' Frar 2018 sat-28 ta' Frar 2018 = €75 x 28 jum = €2,100. B' hekk il-penali li sejra tiġi likwidata minn din il-Qorti hija fis-somma ta' €2,875.

**Spejjeż oħra**

L-atturi semmew ukoll li huma nkorrew ħlas ta' €423.33ċ bħala ħlas lil perit ex parte li nkarigawh biex jagħmlilhom stima ta' dak li laħaq għamel l-intimat fil-post tagħhom. L-atturi eżebew l-irċevuta relattiva liema riċevuta ma ġietx ikkontestata mill-attur.

Il-Qorti sejra għalhekk, tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fis-somma ta' **€11,494.29ċ** (€423.33ċ + €2,875ċ + €8,195.96ċ).

Dwar imgħax, referenza ssir għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 bin-numru 798/2000/1 fl-ismijiet Ruth Spiteri vs Emanuel Vella għan-nom u in rappresentanza tas-soċjeta` "Raymonda Limited", fejn intqal li l-imgħaxijiet fuq dejn ċivili għandhom jgħaddu minn dak inhar illi ssir sejħa għall-ħlas b`att ġudizzjarju u li sabiex jiddekorru l-imgħaxijiet l-interpellazzjoni trid tkun waħda speċifika għall-ħlas ta` ammont ta` flus u mhux sempliċi intimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq l-obbligi kontrattwali tiegħu. Din il-Qorti iżda tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta` l-Appell Superjuri fid-9 ta` Frar 2001 biċ-ċitazzjoni numru 528/93 GV fl-ismijiet Dr. Simon Micallef Stafrace nomine vs James Gollcher nomine et, fejn intqal li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza f`każ li l-ammont likwidat mill-Qorti jkun ferm anqas minn dak l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni:

*"L-uniku aggravju tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta` tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-*

*ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni. Dana a bazi ta` diversi sentenzi fosthom "Noel Ellul vs James Gollcher" tas-27 ta` Novembru 1996 (KM 1273/72).*

*Din il-Qorti taqbel ma` dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta` attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f`pozizzjoni li tiddetermina x`kien l-ammont ta` danni li setghet tirriklama a bazi ta` dawn id-dokumenti.*

*Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f`dawn id-dokumenti portwali, tohrog wehidha l-konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f`dawn il-proceduri hu ferm `il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici.*

*Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f`somma pretiza mis-socjeta` attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura.*

*Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza. Naturalment mhux mid-data ta` din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellata."*

Referenza għandha ssir għad-deċiżjoni mogħtija fis-17 ta` Frar 2003 mill-Qorti ta` l-Appell Ċivili Inferjuri fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone fejn ġie stipolat li meta avviż jikkontjeni talba speċifika għal somma determinata, jibda jiddekorri l-imgħax fuq tali somma u l-fatt li l-Qorti tkun irriduċiet l-ammont ma jfissirx li l-interessi ma jibdewx ukoll jgħaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta:

*"Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il- Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O`Connor – vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999."*

F'dan il-każ, l-interpellazzjoni saret għal ħlas lura ta' €9,171.30ċ rappreżentanti flejjes ġia' mgħoddija lill-intimat, għal penali ta' €1,975 kif ukoll b' riżerva għal penali ulterjuri

sad-data tal-ħlas effettiv. Il-Qorti tqis li l-ammont likwidat minn din il-Qorti huwa ftit iktar minn dak li ġie mitlub fl-ittra uffiċċjali ppreżentata. Stante din id-differenza minima bejn l-ammont likwidat minn din il-Qorti u l-ammont oriġinarjament mitlub mir-rikorrenti, din il-Qorti sejra tordna li l-imgħaxxijiet għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta` l-ittra uffiċċjali bin-numru 110/2018.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta` u tiddeċidi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimat filwaqt tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament fis-sens li qed tordna lill-intimat iħallas lill-atturi is-somma ta' ħdax-il elf, erba' mija u erbgħa u disgħin Ewro u disa' u għoxrin ċenteżmi (€11,494.29ċ) bl-imgħaxijiet jibdew jiddekorru min-notifika ta' l-ittra uffiċċjali bin-numru 110/2018 u ċioe' mill-1 ta' Marzu 2018 sad-data tal-ħlas effettiv.

Tordna illi l-ispejjeż kollha ta` din il-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat.

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

11.02.2021 – Inf9.2018 – Attard Anthony et vs Bogdanovic Goran
4746